TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Straordinarja Nru. 05/06

## IS-SITT AMMINISTRAZZJONI

Data u hin

* **Il-Laqgħa Straordinarja Nru 15/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar L-Erbgħa 20 ta' April 2010 fid-8.45pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.**

Attendenza

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Chev P. Farrugia KLJ, CMLJ | Sindku |
| Is-Sur Frans Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sinj. C. Lanzon | Kunsilliera |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur Maurice L. Mallia | Seg. Eżek. |

**Is-Sur Keith Darmanin kien skuzat.**

*** **Is-Sindku, s-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 Approvazzjoni tal-Annual Audit Report 2009

1.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa informali li l-Kunsill kellu mal-Accountant tiegħu nhar it-Tnejn 19 ta' April 2010. Rapport tal-laqgħa jinstab hawn taħt.

1.2 Is-Sindku rega' tenna li l-Awdituri baqgħu jinsistu li l-ammonti dovuti mill-LES ser jitħassru, filwaqt li l-ammonti dovuti mill-WSC ser jitħassru ukoll għalkemm għandhom rapport mill-AKL dwar l-arranġamenti li saru mal-WSC biex l-ammonti dovuti jitħallsu fi żmien 3 snin.

1.2.1 Dwar il-każ tal-WSC, li s-Sindku qal li dan ġie diskuss mal-AKL li rreferewh lid-Dipartiment Gvern Lokali biex jinfurmaw lill-Awditur Ġenerali.

### Rapport dwar il-laqgħa mal-Accountants tal-Kunsill

Attendenza

**i.** Għal din il-laqgħa informali attendew is-Sindku, il-Kunsillieri is-Sur F. Aguis, is-Sur L. Bonavia, Is-Sur K. Darmanin, is-Sur I. Dalli, is-Sinj. C. Lanzon u is-Segretarju Eżekuttiv M.L. Mallia; is-Sinj. D. Vella kienet skużata. Attendew biex jagħtu spjegazzjoni l-Accountants tal-Kunsill is-Sinjuri Alan Craig u Ramon Cutajar.

**ii.** Is-Sindku qal li ma nistgħux nifhmu għaliex l-ammonti dovuti tal-Prepooling tal-LES u dawk tal-WSC ser isiru *written-off*.

**iii.** Kompla jgħid li l-kumitat konġunt kien qed jaqbel li l-ammonti jiġu ikkalkulati bħala persentaġġ kull sena, u jidħlu fil-kotba tal-Kunsill b'dawk il-persentaġġi. Filwaqt dawk tal-WSC qed isiru negozjati mill-AKL u sar qbil biex l-ammonti dovuti jiġu mħallsa fuq perjodu ta' 3 snin. Ħlas Lura

**iv.** Is-Sindku qal li qed jara li din hi xi mossa politika.

**v.** Is-Sur A. Craig wieġeb li fl-opinjoni tiegħu hi iżjed materja teknika milli politika. Kompla jgħid li l-ammont ta' madwar €70,000 pendenti mill-Prepooling għadhom ma nġabrux u hemm ir-riskju li mhux ser jinġabru. Dak li qed jiġi mħallas kull tant żmien qed jiġi mgħoddi lill-Kunsill. Jekk ma jinġabrux jiġu mħassra u kkunsidrati bħala 'Doubtful Debt'. Doubtful Debts

**vi.** Is-Sur Craig żied jispjega li f'każ li ma naċċettawx il-pożizzjoni li jitħassru, l-Awdituri ser jikkwalifikaw dwarhom u jirrapurtaw fir-rapport finanzjarju. Rapport mill-Awdituri

**vii.** Qal ukoll li hemm żewġ kwalifiki li jistgħu jirrapurtaw l-Awdituri:

1. li l-Accounts huma tajbin imma hemm l-ammonti li għandhom jitħassru jew,
2. li l-Accounts huma ħziena minħabba dawn l-ammonti.

**viii.** Dwar l-ammonti dovuti mill-WSC, is-Sur Craig qal li ladarba ntlaħaq ftehim bejn il-partijiet konċernati li dawn ser jitħallsu lura lill-Kunsill Lokali fi żmien 3 snin allura dawn l-ammonti għandhom jidħlu fil-kotba. Dwar dan ser jispjegga lill-Awdituri. Ser ikollhom għad-disposizzjoni tagħhom kopja tal-ftehim li ntlaħaq.

**ix.** Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li minħabba li s-sena finanzjarja għalqet 3 xhur qabel, dan jista' jkollu effett negattiv għaliex dak li ipprovda għalih il-Kunsill fuq perjodu ta' sena kellu jiġi maħdum fuq 9 xhur. L-Allokazzjoni tal-aħħar 3 xhur ma ġietx ikkalkulata u allura din ser tkun nieqsa mill-fondi li fuqhom il-Kunsill kien qiegħed jibbaża l-ispiża tiegħu. Bażi ta' 9 xhur

**x.** L-Accountants dehru li jaqblu ma' dan l-argument imma l-proċeduri huma differenti. Reġgħu tennew li l-Kunsill għandu riservi tajbin ħafna.

**xi.** Finalment kien hemm qbil unanimu li fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Accountants aħjar li dawn l-ammonti tal-LES jiġu mħassra issa għalkemm il-Kunsill ser jidher li għandu deficit. Deficit

**1.3** Il-Kunsill qabel unaninament li l-"Audited Financial Statements" għas-sena mill- 01.04.09 sal 31.12.09 jiġu approvati.

**1.4** Id-dokumenti ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għal 7 oriġinali. Iffirmati

## 2.0 Għeluq tal-Laqgħa

**2.1** Il-laqgħa ntemmet fid-8.50 u ġiet aġġornata "Sine Die".

| | |
|---|---|
| **P. Farrugia** | **M. L. Mallia** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek.** |